# QORTI KRIMINALI

Onor. Imhallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Att t'Akkuza 14/2018

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Jonathan Roger Portelli**

Illum 23 ta' Settembru, 2020

**Il-Qorti,**

Rat l-Att ta' Akkuza bin-numru 14/2018 migjub kontra Jonathan Roger Portelli, iben Roger u Antoinette nee' Debrincat, imwieled ir-Rabat Ghawdex fit-3 ta' Mejju, 1982, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru: 32782(G) fejn:

1. Illi, nhar l-għaxra (10) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gzejjer, l-akkuzat Jonathan Roger Portelli ddeċieda xjentement u illegalment li jibda' jbiegħ jew xort'oħra jittrafika r-raza meħuda mill-pjanta Kannabis;

Illi, bejn it-tmienja (8) u d-disgħa (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013), ġewwa Marsalforn, Għawdex, fil-kors ta' investigazzjonijiet kondotti mill-Iskwadra ta' kontra d-Droga ġie mwaqqaf ċertu Joseph Grech, fejn fil-vettura tiegħu kienet

instabet blokka raza tal-kannabis li kienet tammonta għal madwar wieħed punt tnejn (1.2) grammi kif ukoll kienet instabet blokka oħra raza tal-kannabis fuq il-persuna tal-passiġier fl-istess vettura – ċertu Settembru Grech – liema blokka kienet tammonta għal madwar sebgħa (7) grammi;

Illi, sussegwentement kienet saret tfittxija ġewwa r-residenza ta' l-istess Joseph Grech fejn instabu diversi blokok suspettati raza tal-kannabis. Minn stħarriġ kimiku fuq dawn l-istess blokok, irrizulta li dawn kienu filfatt id-droga raza tal-kannabis, kontenenti s-sustanza tetrahydrocannabinol fl-ammont nett totali ta' tlett mija, wieħed u għoxrin punt tmienja u tletin (321.38) gramma b'purita ta' sitta punt ħamsa fil-mija (6.5%);

Illi, sussegwentement, Joseph Grech ġie mitkellem mill-Pulizija fejn huwa rrilaxja stqarrija li huwa umbagħad għazel li jiġġuramenta. Joseph Grech stqarr li din id-droga li nstabet kien xtraha dik il-ġimgħa stess mingħand l-akkuzat Jonathan Roger Portelli magħruf bħala '*Lingi*'. Joseph Grech spjega ukoll kif l-akkuzat Jonathan Roger Portelli kien staqsih jekk jitħajjarx jixtri sapuna kannabis mingħandu u minn naħa tiegħu Joseph Grech kien irrisponda fl-affermattiv. Infatti, Joseph Grech kien ħallas lill-akkuzat Jonathan Roger Portelli l-ammont ta' elf u ħamsin (1,050) Ewro u l-istess Jonathan Roger Portelli kien ipprokuralu d-droga rikjesta. *In oltre*, Joseph Grech stqarr li din ma kinitx l-ewwel darba li huwa xtara d-droga kannabis mingħand l-akkuzat Jonathan Roger Portelli. Jgħid li huwa kien xtara mingħandu madwar tlett (3) darbiet oħra, fejn darba kien ħallas mitejn u għoxrin (220) Ewro għal blokka ta' madwar ħamsa u għoxrin (25) grammi u darbtejn kien ħallas inqas minn sittin (60) Ewro għal zewġ biċċiet izgħar minn għaxar (10) grammi -l waħda;

Illi, l-investigazzjonijiet tal-Pulizija komplew għaddejjin;

Illi, nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013), saru tfittxijiet ġewwa r-residenza ta' ċertu Christopher Bartolo ġewwa l-Fontana, Għawdex, fejn instabu sitt (6) blokok suspettati raza tal-kannabis. Minn stħarriġ li sar fuq dawn l-istess blokok irrizulta li dawn kienu filfatt id-droga raza tal-kannabis, kontenenti s-sustanza tetrahydrocannabinol, fl-ammont nett totali ta' mija, sebgħa u sittin punt tnejn u ħamsin (167.52) gramma b'purita' ta' tmienja fil-mija (8%);

Illi, in segwitu għal tali sejba, Christopher Bartolo ġie mitkellem mill-Pulizija fejn irilaxxja zewġ stqarrijiet li sussegwentement huwa għazel li jiġġuramenta. Huwa stqarr li kull blokka raza tal-kannabis li nstabet għandu kellha piz ta' ċirka tmienja u għoxrin (28) gramma u li kien xtraha bejn xahar u nofs jew xahrejn qabel għall-prezz ta' elf (1,000) Ewro, u dana mingħand l-akkuzat Jonathan Roger Portelli, magħruf bħala "*Lingi*". Huwa kompla jistqarr li kien ilu jixtri id-droga raza tal-kannabis mingħand l-akkuzat għall-aħħar sena u xahrejn u li dejjem kien jixtri sapuna sħiħa, ta' madwar mitejn u ħamsin (250) gramma u li kien iħallas elf (1,000) Ewro għaliha. *In oltre*, Christopher Bartolo stqarr li huwa kien jixtri d-droga raza tal-kannabis mingħand l-akkuzat Jonathan Roger Portelli ċirka kull xahar;

Illi, *in vista* ta' din l- informazzjoni mogħtija lill-Pulizija minn Joseph Grech u Christopher Bartolo, il-Pulizija Ezekuttiva kompliet bl-investigazzjonijiet tagħha a rigward, u nhar l-għaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013), saret tfittxija fir-residenza ta' Jonathan Roger Portelli ġewwa l-Munxar, Għawdex, fejn instabu diversi oġġetti konnessi mad-droga, inkuz blokok zgħar ta' sustanza suspettata raza tal-kannabis;

Illi, minn stħarriġ kimiku li sar fuq dawn l-istess blokok suspettati raza tal-kannabis, ġie kkostatat li dawn kienu filfatt raza tal-kannabis, konteneti s-sustanza tetrahydrocannabinol,

fl-ammont nett totali ta' sitta punt tlieta u disgħin (6.93) gramma;
Illi d-droga Kannabis u kull estratt jew tintura tagħha, jew raza meħuda minnha, jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bazi din ir-raza hija kkontrollata bil-Liġi taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u *in oltre* l-akkuzat Jonathan Roger Portelli ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluza.

Illi b'għemilu, l-imsemmi Jonathan Roger Portelli sar ħati talli, nhar l-għaxra (10) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gzejjer, ipproduċa, biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raza meħuda mill-pjanta Kannabis jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bazi din ir-raza meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-uzu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuza lill-imsemmi Jonathan Roger Portelli, ħati, talli, nhar l-għaxra (10) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gzejjer, ipproduċa, biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raza meħuda mill-pjanta Kannabis jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bazi din ir-raza meta ma kienx

fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-uzu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkuzat Jonathan Roger Portelli, u illi jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċentezmu (2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċentezmu (116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(b), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(3BA), (7), 22A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regola 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (Avviż Legali 292/1939) u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkuzat.

2. Illi, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u z-zmien hekk kif imsemmija fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza, u *in vista* ta' l-informazzjoni mogħtija lill-Pulizija minn Joseph Grech u Christopher Bartolo, komplew l-investigazzjonijiet da parti tal-

Pulizija Ezekuttiva a rigward u filfatt nhar l-għaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013), saret tfittxija fir-residenza ta' Jonathan Roger Portelli ġewwa l-Munxar, Għawdex, fejn instabu, fost affarijiet oħrajn, is-segwenti oġġetti:

- Filtru ta' sigarett li kien fih trab kannella suspettat li kienet id-droga kannabis;
- Blokka suspettata raza tal-kannabis;
- Blokka imdawra bil-foil suspettata raza tal-kannabis;
- Diversi pakketti libretti;

Illi, wara stħarriġ kimiku li sar fuq dawn il-blokok suspettati raza tal-kannabis, ġie kkonstatat li dawn kienu filfatt raza tal-kannabis li kienet tikkontjeni is-sustanza tetrahydrocannabinol, f'ammont nett totali ta' sitta punt tlieta u disgħin (6.93) gramma;

Illi, l-istess Jonathan Roger Portelli, fl-istqarrija rrilaxata minnu, kien stqarr mal-Pulizija li dawn il-mediċini perikoluzi kienu ilhom fil-pussess tiegħu madwar sitt xhur;

Illi, jidher biċ-ċar, miċ-ċirkostanzi li fihom instabet, kif ukoll minn l-informazzjoni rrilaxxata minn Joseph Grech u Christopher Bartolo, illi din is-sustanza perikoluza (kemm dik li nstabet fir-residenza tiegħu kif ukoll dik li huwa kien biegħ lil Joseph Grech u lil Christopher Bartolo) ma' kinitx intiza ghall-uzu personali ta' l-akkuzat, izda kif spjegat fil-Kap precedenti ta' dan l-Att ta' Akkuza, kienet intiza sabiex tigi ttraffikata fil-gzejjer ta' Malta u Għawdex;

Illi, id-droga Kannabis u kull estratt jew tintura tagħha, jew raza meħuda minnha, jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bazi din ir-raza hija kkontrollata bil-Liġi taħt l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u *in oltre* l-

akkuzat Jonathan Roger Portelli ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluza.

Illi, b'għemilu, l-akkuzat Jonathan Roger Portelli sar ħati talli nhar l-għaxra (10) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tiegħu ir-raza meħuda mill-pjanta Kannabis meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-uzu tagħhom skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-uzu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuza lill-imsemmi Jonathan Roger Portelli hati talli nhar l-għaxra (10) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tiegħu ir-raza meħuda mill-pjanta Kannabis meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi

mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-uzu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u taħt tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tiegħu.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkuzat Jonathan Roger Portelli, u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija ghal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax –il elf erba' mija tmienja u sittin Ewro u sebgħa u sittin ċentezmu (€116,468.67) kull wieħed, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a), 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikoluzi (Avviż Legali 292/1939), u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmija akkuzati.

3. Illi, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u z-zmien hekk kif imsemmija fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta'Akkuza, l-akkuzat Jonathan Roger Portelli, wara li saret tfittxija ġewwa r-residenza tiegħu ġewwa l-Munxar, Għawdex, nhar l-għaxra (10) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013), volontarjament irrilaxxa stqarrija

lill-Pulizija fejn, fost oħrajn, stqarr li huwa jagħmel uzu mid-droga Kannabis, u dana għall-uzu personali tiegħu;

Illi, huwa stqarr ukoll li jpejjep id-droga Kannabis b'mod regolari, senjatament meta jkollu aptit jagħmel hekk;

Illi, d-droga Kannabis u kull estratt jew tintura tagħha, jew raza meħuda minnha, jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bazi din ir-raza hija kkontrollata bil-Liġi taħt l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u *in oltre* l-akkuzat Jonathan Roger Portelli ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluza.

Illi, b'għemilu l-imsemmi Jonathan Roger Portelli sar ħati talli, nhar l-għaxra (10) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), il-pjanta Kannabis kollha jew biċċa minnha, jew ir-raza meħuda minnha, jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bazi din ir-raza, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Jonathan Roger Portelli, ħati talli, nhar l-għaxra (10) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), il-pjanta Kannabis kollha jew biċċa minnha, jew ir-raza meħuda minnha, jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bazi din ir-raza, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogtħija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux inqas minn tnax -il xahar iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 22, 8(a), 8(d), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 3 u 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-

Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat il-lista ta' xhieda tal-Avukat Generali prezentata permezz ta' nota mal-Att ta' Akkuza;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat Jonathan Roger Portelli pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Settembru, 2018 li biha eccepixxa, (FOL 15):

*1. Illi fl-ewwel lok, l-inammissibilita' tal-istqarrijiet rilaxxjati mill-esponenti u esebiti f'dawn l-atti bhala Dok F(a folio 13) u Dak G (a folio 15) stante li l-mod kif ittiehdu huwa leziv tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.*

*2. Illi fit-tieni lok, l-inammissiibilta' tat-traskrizzjoni tax-xhieda tal-Ispizjar Godwin Sammut esebita a folio 340 et seq u tar-relazzjonijiet mmarkati bhala Dok GS1 (a folio 343) u Dok CB2 (a folio 375) stante li minn imkien ma jirrizulta li l-Ispizjar Godwisn Sammut inghata xi inkarigu jew gie nominat fl-atti ta' dawn il-proceduri jew li ddepona skond kif jipprovdi l-Artikolu 646 tal-Kap 9.*

Rat il-lista tax-xhieda maghmula fin-nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-5 t'Ottubru 2018 (fol 19) dwar in-nota ta' eccezzjonijiet tal-akkuza li biha rrileva li tlieta mix-xhieda indikati huma rikjesti ghal-fini ta' piena f'kaz li tinsab htija filwaqt illi ssollevat l-inammissibilita' tax-xhieda ta' rapprezentant tal-Caritas/Sedqa u Oasi biex jixhdu dwar Joseph Grech u Christopher Bartolo.

Semghet is-sottomisjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat:

1. Illi mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti azzjonijiet li jistghu jkunu ta' relevanza ghar-rizoluzzjoni tal-eccezzjonijiet hawn skrutinati u li qed ikunu senjalati ghal-segwiment aktar facli tal-konsiderazzjonijiet li ser isegwu;

- Stqarrija tal-akkuzat tal-10 t'Ottubru, 2013 esebita bhala Dok F a fol 13 b'dikjarazzjoni li kkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju;
- Stqarrija ohra tal-akkuzat tal-11 t'Ottubru, 2013 esebita bhala Dok G a fol 15 b'dikjarazzjoni li kkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju;
- Fol 4 nomina tal-Ispizjar Godwin Sammut "sabiex jezamina l-kontenut ta' Dok E u jirrelata dwar l-istess" seduta tal-11 ta' Ottubru, 2013;
- Fol 4 Dok E esebit mill-Ispettur Bernard Charles Spiteri konsistenti f'oggetti relatati mal-abbuz tad-droga" – seduta tal-11 t'Ottubru, 2013;
- Fol 10 – Okkorrenza Dok C fejn hu rappurtat li fil-kamra tas-sodda tal-akkuzat instabu: Filtru tas-sigaretti li kien fih trab kannella suspettat tal-Kannabis; Pakkett libretti 'Rizla+'; blokka suspettata raza tal-Kannabis; blokka imdawwra bil-foil suspettata Raza tal-Kannabis; zewg pakketti libretti King Size tad-ditta 'Smoking';
- Seduta tat-2 t'April 2014 (verbal a fol 57), xehed l-Ispizjar Godwin Sammut u esebixxa r-rapport tieghu Dok GS1

b'rizultat pozittiv ghal-presenza ta' Tetrahydrocannabinol f'piz totali ta' 6.93 gm (5.56gm u 1.37gm);

- Seduta tal-25 ta' Gunju 2014 esebit *process verbal* a fol. 431 konsistenti fi stqarrija guramentata ta' Joseph Grech tal-10 ta' Mejju 2013;
- Seduta tas-17 ta' Settembru, 2014 esebit kopja ta' *process verbal* intestat 'Rapport dwar sejbien ta' diversi pakketti li huma suspettati li fihom bicciet minn pjanta tal-Kannabis u oggetti relatati ma' tehid ta' droga li gew misjuba nhar il-31 ta' Mejju 2013' li tinkludi nomina tal-Ispizjar Godwin Sammut u Max Xuereb;
- Fol 202, verbal tas-seduta li fiha kienet esebita droga originarjament esebita fil-kawza Il-Pulizija vs Joseph Grech (Kawza Nru 51/2013) fil- 5 ta' Frar, 2014 mmarkata Dok GS2 (ref tal-esebit G140) deciza 16.2.16 u issa mmarkata bhala Dok BCS1;
- Fol 338 Rinviju tal-Avukat Generali fejn talab li tkun ezebita formalment id-droga esebita fil-proceduri kontra Christopher Bartolo u vera kopja tar-relazzjonijiet tal-Ispizjar Godwin Sammut fil-proceduri kontra Christopher Bartolo u Joseph Grech;
- Fol 341 Kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda tal-Ispizjar Godwin Sammut kif ukoll kopja tar-relazzjoni tieghu mehuda mill-atti tal-proceduri kontra Joseph Grech;
- Fol 373 Verbal tas-seduta tal-31.5.2018. Esebita formalment id-droga esebita fil-proceduri kontra Christopher Bartolo Dok CB1 flimkien ma' kopja ta' rapport tal-Ispizjar Godwin Sammut fil-proceduri Il-Pulizija vs Christopher Bartolo Dok CB2.

**INAMMISSIBILTA' TAL-ISTQARRIJIET TAL-AKKUZAT:**

2. L-akkuzat ressaq din l-eccezzjoni stante li kif ittiehdu huma lezivi tad-dritt tieghu sancit mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dwar din l-eccezzjoni l-Avukat Generali, <u>inizzjalment</u> irrimetta ruhu ghad-decizzjoni ta' din il-Qorti fis-sottomissjonijiet orali tieghu, izda, permezz ta' rikors urgenti tieghu tal-14 ta' Gunju, 2019, talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u tappunta seduta ghat-trattazzjoni mill-gdid tal-eccezzjoni tal-akkuzat dwar l-inammissibilita' tal-istqarrijiet u dan minhabba zviluppi ricenti fil-gurisprudenza in rigward;

3. Illi permezz tar-rikors appena msemmi, l-Avukat Generali ghamel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet *Farrugia vs Malta* tal-4 ta' Gunju, 2019 li kkonkludiet li l-fatt li persuna ma jkunx inghata d-dritt tal-assistenza legali waqt il-*pre trial stage* ma jfissirx awtomatikament li d-drittijiet tieghu kienu lezi u li kwalunkwe stqarrija mehuda lilu ghandha tkun skartata jew sfilzata;

<u>L-Istqarrijiet</u>:

4. Fil-kors tal-indagini kondotti mill-Pulizija, l-akkuzat kien irrilaxxja zewg stqarrijiet waqt l-interrogatorju tieghu. L-ewwel fost dawn inghatat fl-10 t'Ottubru, 2013 b'dikjarazzjoni precedenti l-istess li tghid hekk: "*Ninfurmak li inti m'intix obligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tghid jista' jingieb bi prova, u wara li ghazilt li tikkonsulta ma' Dr. Joshua Grech LL.D., infakkrek li jekk ma tkunx trid tghid xejn jew tonqos milli ssemmi xi fatt, il-Qorti jew gudikant jistghu jaslu ghal prova korroborattiva, jekk matul il-process inti tressaq xi difiza li tkun bazata fuq xi fatt li ma tkunx semmejt matul l-interogazzjoni*";

5. It-tieni stqarrija kienet rilaxxjata l-ghada 11 t'Ottubru, 2013 ukoll preceduta bl-istess kawtela identika ghal dik appena riprodotta fil-paragrafu ta' qabel dan;

6. Din il-Qorti gia kellha l-opportunita li tindirizza eccezzjoni konsimili f'decizzjoni ohra fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Bernice Camilleri tat-12 ta' Marzu, 2020. F'dak il-kaz l-istqarrija kienet inghatat fis-sena 2010 u l-akkuzata kienet rrifjutat d-dritt li titkellem ma' avukat bid-dritt limitat vigenti f'dak iz-zmien. Is-segwenti hija l-parti relattiva ta' din is-sentenza:

> *4. Ir-raguni ghaliex l-akkuzata qed titlob in-nullita' ta' dan id-dokument hija wahda duplici: "stante li l-imsemmi [dokument] jindika li ma saritx spjegazzjoni cara tad-drittijiet tal-eccipjenti u anqas tar-rejati li kienet qeghda tigi akkuzata bihom". Ezaminat id-dokument in kwistjoni, huwa minnufih evidenti illi l-akkuzata kien spjegat lilha sia id-dritt li tkellem avukat jew prokuratur tax-xelta taghha qabel biss isirilha xi interrogatorju kif ukoll illi r-raguni ghaliex kien ser isirilha l-interrogatorju proprju ghaliex kienet arrestata dwar feriti, serq aggravat bi vjolenza li wasslet ghall-mewt ta' Antonia Garroni inkluz id-data tal-allegati reati. Dan id-dritt llum huwa regolat bl-artikolu 355AUA tal-Kodici Kriminali promulgat bl-Att LI tal-2016 mahsub biex jaghmel trasposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 t'Ottubru 2013.*
>
> *5. Dan l-Att fil-verita' ssostitwixxa id-dritt ghall-assistenza legali originarjament promulgat bl-Att III tal-2002 li fl-artikolu 355AT kien jaqra hekk:*
>
> *"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), persuna li tkun arrestata u qed tinzamm taht il-kustodja tal-Pulizija f'xi Ghassa jew f'xi post iehor ta' detenzjoni awtorizzat ghandha,*

*jekk hija hekk titlob, tithalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imb'wicc jew bit-telefon, ghal mhux iktar minn siegha zmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tigi interrogata, l-persuna taht kustodja ghandha titgharraf mill-Pulizija bid-drittijiet li ghandha taht dan is-subartikolu.*

*6. Issa, minkejja li dan id-dritt kien pomulgat fis-sena 2002, dahal biss fis-sehh fis-sena 2010 proprju bl-Avviz legali 35 tal-2010 li ffissa d-data li fih ghadu jidhol fis-sehh l-artikolu 355AT bhala l-10 ta' Frar tal-2002. Id-dikjarazzjoni kontenenti id-Dok CP9 ggib d-data tat-18 ta' Dicembru 2010. Din turi r-raguni tal-arrest u d-dritt tal-arrestata ghall-assistenza legali u ghalhekk ma hemm ebda nullita' f'dan id-dokument. L-effetti ta' tali dikjarazzjoni fiz-zmien meta inghatat, inkluz allura d-dritt tal-inferenza fit-termini tal-artikolu 355AU ezistenti dak iz-zmien u mhassar sussegwentement bl-Att LI.2016 hija kwistjoni differenti. Ghal fini ta' din l-eccezzjoni, izda, ma hemm xejn irregolari fid-Dokument CP9 u ghalhekk l-istess eccezzjoni qed tkun michuda;*

*7. Fit-tieni eccezzjoni, l-akkuzata titlob li tkun estromessa dik il-parti tax-xhieda tal-Ispettur Christopher Pullicino u tal-Ispettur Anna Marie Micallef kull fejn tirreferi ghat tehid tal-akkuzata fuq l-allegata xena tad-delitt. Ir-raguni ghal din hi li ma kienx spjegat lilha d-dritt tas-silenzju. Din l-eccezzjoni hija prettament marbuta mat-tielet wahda li fiha l-akkuzata titlob l-isfilz taz-zewg stqarrijiet taghha esebiti bhala Dok CP3 u CP4 ghar-raguni li la inghata t-twissija kif formalment rikjest u anqas dik kif provdut fl-artikolu 355AT tal-Kodici Kriminali. Ir-raguni ghaliex din il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni hija quid unum hi li d-dritt tas-silenzju jinkludi mhux biss dak li tibqa' sieket mill-aspett vokali izda ukoll li taghmel kull haga ohra li*

*biha tista' tinkrimina ruhek, inkluz ghalhekk li turi lill-min qed jinterrogak il-post fejn allegatament kien kommess id-delitt;*

*8. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, tajjeb li jkun senjalat ukoll illi dawn l-eccezzjonijiet kienu sollevati fis-sena 2014 meta allura kien ghadu in esistenza l-artikolu 355AT kif originarjament promulgat liema artikolu kien mibdul b'tali mod li kien sostitwit bl-Att LI tal-2016 li dahhal id-dritt li persuna suspettata tkun assistita waqt l-interrogatorju bil-presenza fizika tal-avukat jew prokuratur legali tul l-interrogatorju kollu u mhux biss sa siegha permezz ta' telefon jew wicc imb'wicc <u>qabel</u> l-interrogatorju. Dawn l-eccezzjonijiet ghalhekk issa jehtieg li jkunu konsiderati fl-ambitu tal-tibdil fil-ligi kif ukoll fl-evoluzzjoni gurisprudenzjali in rigward;*

*9. Ghar-rizoluzzjoni ta' din il-materja certament li ghandu jkun hemm qbil dwar li l-istqarrijiet tal-akkuzata ttiehdu fi zmien meta suspettat kellu d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ghal zmien mhux aktar minn siegha qabel l-interrogatorju bl-avukat jithalla barra waqt l-interrogatorju u bid-dritt ta' inferenza f'kaz illi ikun uzufruwit id-dritt tal-parlatorju. Issa li tnehha d-dritt tal-inferenza jinghad li kien verament stramb kif suspettati jkun spjegat lilhom li ghandhom id-dritt li jitkellmu ma' avukat u fl-istess waqt li dak igib mieghu id-dritt tal-inferenza ghal liema decizzjoni ghalhekk is-suspettat jehtieg jiddeciedi jekk hux ahjar li ma jkellem ebda avukat halli dan ma jgibx mieghu id-dritt tal-inferenza. Anke sabiex jkun spjegat dan id-dritt jehtieg il-presenza ta' avukat izda b'dik il-presenza tiskatta l-inferenza. Fortunatament din l-anomalija llum m'ghadiex aktar in ezistenza fil-Kodici Kriminali taghna;*

*10. Ventilat dan, il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Rio Micallef et tat-3 t'April, 2019 li titratta dwar materja konsimili u li fiha l-Qorti kkonfermat id-decizzjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta li fiha kienet laqghet it-talba tal-*

*akkuzati ghall-isfilz tal-istqarrijiet taghhom maghmula qabel l-Att LI tal-2016. Dik is-sentenza kienet tistrieh maggorment fuq is-sentenza tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Borg v Malta (37537/13) moghtija mill-Grand Chamber fit-2 ta' Jannar, 2016 Minn dakinhar, izda, kien hemm aspett evoluttiv iehor f'din il-materja kif rifless fis-sentenza tal-istess Qorti Ewropea fl-ismijiet Farrugia vs Malta (63041/13) tal- 4 ta' Gunju 2019. Din tal-ahhar donnu tirrovexxja l-quid juris lura ghal-hsieb kif enuncjazzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet Charles Steven Muscat vs Avukat Generali tat-8 t'Ottubru, 2012 kritikat mill-Qorti ta' Strasbourg bhala interpretazzjoni restrittiva tas-sentenza taghha Salduz v Turkey.*

*11. Issa, bis-sentenza Farrugia vs Malta, mhux kull stqarrija moghtija minghajr dik l-assistenza konsistenti fil-presenza tal-avukat waqt l-interrogatorju ghandha tkun skartata u dan jiddependi minn sensiela ta' fatturi bhal per ezempju l-vulnerabilita' tal-interrogat, l-eta' u jekk dik l-istqarrija tkunx l-uniku prova kontra l-akkuzat, ossia jekk tkunx tali li jista' jkollha "an overall effect on the proceedings". Din il-Qorti issa sabet ruhha f'sitwazzjoni fejn llum tista takkolji talba ghall-isfilz ta' stqarrija u l-ghada tkun rinfaccjata b'decizzjoni fejn l-isfilz ma huwiex wiehed awtomatiku anke fejn ikun hemm "a systematic breach of pre-trial proceedings". L-incertezza legali fiha nnifisha hija ukoll konducenti ghall-potenzjali nuqqas ta' smiegh xieraq bil-konsegwenza li f'kawza tista' tkun ordnata l-isfilz tal-istqarrija u f'kawza ohra bl-istess parametri tista' tkun michuda bit-tnejn jinstemghu fl-istess epoka;*

*12. Issa, fis-sottomissjonijiet mill-abbli avukat difensur l-akkuzata kkwalifikat it-talba taghha ghal dikjarazzjoni ta' nullita' tal-istqarrijiet taghha f'wahda ta' inammissibilita' tal-istqarrijiet u ta' dak kollu li intqal lill-Pulizija meta ma kienitx*

*legalment assistita. Anke jekk l-akkuzata inghatat il-fakulta li tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju, liema facilita' kienet limitata ghal-siegha telefonikament jew wicc imb'wicc izda mhux waqt l-interrogatorju, dan ma jissodisfax ir-rekwizit fid-Direttiva 2013/48 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif trasposta fl-artikli 355AS tal-Kodici Kriminali.*

*13. Ghal dawn ir-ragunijiet, filwaqt illi tichad l-ewwel eccezzjoni, qed tilqa' it-tieni u t-tielet eccezzjoni u konsegwentement tordna l-isfilz tad-dokumenti mmarkati CP3 u CP4 u ta' kull referenza fejn tidher fid-deposizzjoni tal-Ispettur Christopher Pullicino u l-Ispettur Anna Marie Micallef riferibilment fejn jghidu li l-akkuzata uriethom fejn allegatament sehh id-delitt.*

7. Din il-Qorti hi tal-fehma li dak appena riprodott huwa ugwalment applikabbli ghal-kwistjoni in dizamina. Fil-kaz odjern certament li hemm incertezza pregudizzjali konsistenti filli l-akkuzat huwa, ossia kien, sa certu punt konfortat mill-gurisprudenza sia lokali kif ukoll dik tal-Qorti ta' Strassbourg li sserrahlu rasu li l-istqarrijiet tieghu ma kienux ser jintuzaw fis-smiegh tal-kawza u issa rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn dan kollu jista' jkun rovexxjat proprju qabel is-smiegh tal-guri. Fis-sottomissjonijiet tieghu quddiem din il-Qorti dwar dan l-eccezzjoni pre r-rikors b'urgenza, l-abbli Avukat Generali ssottometta hekk: *"Jiena ghalija minn naha tieghi anke quddiem din il-Qorti diversament presjeduta ovvjament il-gurisprudenza hi li hi, jigifieri ahna naqblu li jigu skartati u kwalunkwe referenza ghalihom ma ssirx, biex anka din il-Qorti ma toqghodx tiehu l-izbriga taghti sentenza dwarha".*

8. Fiz-zmien li fih inghataw dan iz-zewg stqarrijiet, l-unika tebgha fil-fedina penali tieghu, jekk din kellha tittiehed in konsiderazzjoni skond is-sentenza Farrugia, kienet dwar xi

dizgwid fi ground tal-futbol ghaxar snin qabel. Inoltre, meta jitqies il-kliem pezanti li bih l-akkuzat inghata l-kawtela mill-ufficcjal investigatur lil persuna li ma jidhirx li qatt kienet arrestata precedentement li kellu jkun ezercitat parti mit-test ravvizat fis-sentenza Farrugia, hija l-fehma ta' din il-Qorti li z-zewg stqarrijiet tal-akkuzat ghandhom ikunu skartati. Il-Qorti tistqarr li thossha xi ftit reluttanti li kieku kellha tissindika l-kwalita' tal-prova kif ukoll jekk l-istqarrijiet humhiex l-unika prova kif mitlub fit-test emergenti minn Farrugia vs Malta;

9. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-ewwel eccezzjoni tal-akkuzat qed tkun milqugha u konsegwentement tordna l-isfilz tad-Dok F u Dok G mill-atti u li ma ssir ebda referenza ghall-kontenut tal-istqarrijiet mix-xhieda;

**II. INAMMISSABILITA' TAT-TRASKRIZZJONI TAX-XHIEDA TAL-ISPIZJAR GODWIN SAMMUT U TAR-RELAZZJONIJIET DOK GS1 U CB2.**

10. Illi fil-kors tal-proceduri quddiem l-Istruttorja, l-Avukat Generali talab li zewg relazzjonijiet teknici tal-Ispizjar Godwin Sammut maghmula f'zewg proceduri separati, jkunu inseriti f'dawk odjerni. In ottemperanza ma' dan ir-rinviju, kienu tqieghdu fl-atti traskrizzjoni tax-xhieda tal-Ispizjar Mifsud flimkien ma' kopja tar-relazzjoni tieghu prezentati fil-proceduri kontra Joseph Grech kif ukoll kopja tar-relazzjoni tal-istess espert prezentata fil-proceduri kontra Christopher Bartolo. L-akkuzat iressaq din l-eccezzjoni fuq il-premessa illi l-Ispizjar Mifsud qatt ma kien nominat bhala espert fil-kawza kontra tieghu;

11. L-Avukat Generali spjega ir-raguni ghaliex talab li dawn iz-zewg relazzjonijiet isiru jiffurmaw parti mill-proceduri odjerni u dan peress illi la darba kienet inqabdet droga fuq zewg persuni li qalu li kienu xtrawha minghand l-akkuzat u la darba kienu inizzjati proceduri separati kontra dawn iz-zewg individwi, li huma ukoll xhieda fil-kawza odjerna, ried jipprova li dak misjub fil-pussess taghhom kien fil-fatt droga. L-argument mressaq mid-difiza, izda, hu li hlief ghall-ezami tad-Dok E, l-Ispizjar Godwin Sammut qatt ma kien nominat fil-procedura odjerna biex jaghmel xi forma ta' relazzjoni dwar haga ohra u n-nomina moghtija lilu minn Qorti ohra qatt ma kienet estiza ghal dawn il-proceduri oltre li qatt ma xehed f'din il-kawza;

12. L-artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li bhala regola ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti. Dak li gara fil-process istruttorju hu li in dizimpenju tat-talbiet tal-Avukat Generali, kienet l-ewwel esebita d-droga originarjament esebit fil-kawza Il-Pulizija vs Joseph Grech (skond verbal tas-seduta a fol 202) segwita bi traskrizzjoni tad-deposizzjoni tal-Ispizjar espert flimkien ma' kopja tar-relazzjoni tieghu fl-istess kaz a fol 343. F'seduta ohra kienet esebita formalment id-droga esebita fil-proceduri kontra Christopher Bartolo kif ukoll kopja tar-rapport tal-Ispizjar espert (fol 373 et se) (ara rassenja fil-parti intestata Preliminari ghal dati u numri tal-folio);

13. Mill-verbal tas-seduta tas-16 ta' Marzu, 2016 quddiem il-Qorti Istruttorja jirrizulta illi waqt l-udjenza: "*Il-Prosekuzzjoni qed tesebixxi droga li kienet originarjament giet esebita fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Joseph Grech" (Kawza Nru. 51/2013) fil-5 ta' Frar 2014 bhala dok GS2 (Ref. tal-esebit G140) liema kawza kienet giet deciza fis-16 ta' Frar 2016 u ghal fini tal-kawza odjerna qed tigi markata dok* BCS1".

14. Mill-verbal tas-seduta tal-31 ta' Mejju, 2018 quddiem l-Qorti Istruttorja, hemm imnizzel hekk: *Il-Prosekuzzjoni qed tesebixxi formalment id-droga hekk kif esebita fil-proceduri fil-konfront ta' Christopher Bartolo li ghall-fini tal-kawza odjerna qed tigi mmarkata bhala dok CB1. L-Ufficcjal Prosekutur qed jesebixxi rapport imhejji mill-Ispizjar Godwin Sammut li kien gie esebit fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Christopher Bartolo" u li qed jigi mmarkat bhala dok CB2.*

15. Ezaminati bir-reqqa l-atti tal-kumpilazzjoni, minkejja li fiz-zewg verbali appena riprodotti hemm imnizzel "*il-Prosekuzzjoni esebiet*" ma hemm l-ebda deposizzjoni ta' xi ufficjal tal-Pulizija li ha l-pedana tax-xhud sabiex bil-gurament jesebixxi formalment id-droga wisq anqas il-kopji tar-relazzjonijiet tal-Ispizjar espert. Ghad illi dawn tal-ahhar huma vera kopji mehuda minn proceduri ohra, apparti jekk dan setghax isir jew le, xorta wahda ma kienux prezentati kif titlob il-ligi. Il-konsegwenza ta' dan hu li fid-deher, il-Prosekuzzjoni ressqet dawn iz-zewg bicciet ta' provi, oltre d-droga b'mod formali, bl-aktar mod informali u certament mhux skond il-ligi. Lanqas ma jirrizulta, ghal grazzja tal-argument illi dawn kienu prezentati mid-deputat registratur bhala vera kopja ta' atti fi proceduri separati;

16. Illi ghalhekk l-akkuzat ghandu ragun ukoll fit-tieni eccezzjoni tieghu u konsegwentement tiddikjara inammissibbli l-kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda tal-Ispizjar Godwin Sammut a fol 341, il-kopja tar-relazzjoni mehuda mill-kawza Il-Pulizija vs Joseph Grech tal-istess Spizjar a fol 342 sa fol 371 u finalment il-kopja tar-relazzjoni tal-Ispizjar Godwin Sammut mehuda mill-kawza kontra Christopher Bartolo a fol 375 sa 390;

## III. ECCEZZJONI PRELIMINARI TAL-AVUKAT GENERALI DWAR UHUD MIX-XHIEDA NDIKATI MILL-AKKUZAT:

17. Illi flimkien man-nota ta' eccezzjonijiet preliminari tieghu, l-akkuzat indika lista ta' xhieda li fi hsiebu jressaq fil-kors tal-kawza. Fost dawn indika xhieda li l-Avukat Generali eccepixxa l-inammisssibilita' taghhom ghar-ragunijiet li ser ikunu hawn riprodotti. Permezz ta' nota tal-5 t'Ottubru, 2019, l-Avukat Generali ecepixxa bil-mod segwenti:

> Dwar Dr. Patrick Sciberras u Dr. Anthony Grech – l-esponent jirrileva li, *se mai,* dawn ix-xhieda ghandhom jkunu ammissibbli biss f'kaz ta' sejbien ta' htija, wara tali sejbien, ai fini ta' piena;
>
> Dwar rapprezentant tal-Caritas/Sedqa u Oasi sabiex jixhdu dwar Joseh Grech u Christopher Bartolo – l-esponent jissolleva l-inammissibilita' ta' dawn ix-xhieda stante li l-oggett tal-prova rikjest minnhom ma huwiex wiehed legalment sostenibbli stante li jittratta dwar il-kundizzjoni medika ta' terzi persuni li huma sempliciment xhieda fil-kaz odjern, u *se mai* huwa rikjest il-kunsens tal-istess terzi persuni sabiex tigi rilaxxjata tali informazzjoni personali rigwardanti lilhom.
>
> Dwar rapprezentant tal-Oasi sabiex jixhed dwar ir-rikorrenti – l-esponent jirrileva li, *se mai*, dan ix-xhud ghandu jkun ammissibbli biss f'kaz ta' sejbien ta' htija, wara tali sejbien, ai fini tal-piena.

18. Kwantu dawn ix-xhieda, l-akkuzat kien indika l-htiega taghhom ghas-segwenti ragunijiet skond in-nota tieghu tat-28 ta' Settembru, 2018:

> Dr. Patrick Sciberras u Dr. Grech sabiex jixhud dwar l-impatt fuq sahhet l-esponent li dawn il-proceduri gabu

maghhom u dwar l-eventwali kura li nghatat u dwar il-fatti l-ohra tal-kaz.

Rapprezentant tal-Caritas/Sedqa u/jew Oasi sabiex jixhdu dwar jekk Joseph Grech u/jew Christopher Bartolo attendewx ghall-kura mill-uzu tad-droga u dwar l-ezitu tal-istess u dwar l-abbuz tad-droga minn naha taghhom.

Rapprezentant Oasi u precizament certu Dorianne sabiex tixhed dwar il-kura li kien jiehu l-esponent u l-ezitu tal-istess u dwar il-fatti tal-kaz.

19. Il-lanjanza tal-akkuzat ghall-eccezzjoni tal-Avukat Generali hi li "*l-kuncett tal-ammissibilita' huwa wiehed u ma huwiex spezzettat fl-istadju kif donnu qed jippretendi l-Avukat Generali. Xhud jew huwa ammissibbli jew m'huwiex u r-rilevanza tieghu hija kwistjoni ohra*";

20. Kif ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Ibrahim Ramadan Ghamber Shnishah tat 8 ta' Marzu, 2000 "*l-ammissibilita' ta' xhud hi essenzjalment haga differenti mir-relevanza tal-prova li wiehed ikun irid jaghmel permezz ta' dak ix-xhud, salv il-kaz fejn il-prova tant tkun manifestament rrilevanti li din il-Qorti tkun gustifikata li tiddikjara ix-xhud li jkun (jew id-dokument) inammissibbli addirittura f'dana l-istadju; jew meta l-akkuzat jipprova jevadi jew jirragira xi disposizzjoni tal-ligi, bhal per ezempju, jipprova jtella' perit* ex parte *taht il-mant ta' xhud ordinarju".*

21. Illi minn ezami tal-kwistjoni hawn devoluta, jidher illi l-preokkupazzjoni tal-Avukat Generali hi radikata mill-possibilita' li l-akkuzat iressaq dawn ix-xhieda fi stadju tal-kawza fejn ir-relevanza taghhom tista' tkun valida f'certu stadju izda mhux f'iehor bil-konsegwenza li dak ix-xhud jew xhieda tingieb jew

jingiebu 'l quddiem biex, ad ezempju, jiskreditaw xhud b'dikjarazzjoni dwar il-karattru. Din il-possibilita' ma tistax tkun eskluza u huwa l-Imhallef fil-guri li ghandu jara li ma jsehhu ebda raggiri sabiex xhud li huwa evidenti li l-htiega tieghu tkun mqanqla fil-kaz ta' sejbien ta' htija jingieb bhala xhud fil-mertu fil-kors tal-guri;

22. Illi minn din l-ottika ghandu ragun l-akkuzat jilmenta li l-ammissibilita' o meno ta' xhud ma tistax tkun spezzettata fis-sens illi xhud hu ammissibli f'kaz ta' verdett ta' htija izda mhux mod iehor. Kwantu ghal-htiega ta' rapprezentant biex jixhed jekk Joseph Grech u/jew Christopher Bartolo attendew ghall-kura, dan hu dejjem soggett ghall-*fiat* tal-istess persuni sabiex ix-xhieda mitluba jkunu jistghu jiddeponu. Anke hawn, il-kontroll jinsab f'idejn l-Imhallef waqt il-guri u sa dak il-punt ma tistax tiddikjara l-inammissibilita' ta' dawn ix-xhieda.

23. Din l-eccezzjoni kif sollevata mill-Avukat Generali ghalhekk qed tkun michuda.

24. In konkluzzjoni, u wara li ezaminat u kkunsidrat l-eccezzjonijiet mressqa sia mill-akkuzat kif ukoll mill-Avukat Generali tiddisponi mill-istess billi:

1. tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-akkuzat fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu tat-28 ta' Settembru, 2018 dwar l-isqarrijiet tieghu u dwar l-inammissibilita' tad-dokumenti konsistenti f'kopji ta' zewg relazzjonijiet tal-Ispizjar Godwin Sammut u t-traskrizzjoni tax-xhieda tal-ispizjar Godwin Sammut; u
2. tichad l-eccezzjoni sollevata mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-5 t'Ottubru, 2018 dwar l-inammissibilita' ta' uhud mix-xhieda ndikati mill-akkuzat fin-nota tal-eccezzjonijet tieghu appena citata *supra.*